FLORIANA

KUNSILL LOKALI - FLORIANA - LOCAL COUNCIL
15 Pjazza Emanuel S. Tonna, Floriana FRN1483
Telephone No. 21 235523, 21 236951 Fax No. 21 237723

---

16 ta' Lulju 2014

## LAQGĦA TAL-KUNSILL

**Minuti tal-erbgħa u tletin (34) laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana**

Is-Sindku sejjaħ l-Erbgħa u Tletin (34) Laqgħa tas-Sitt Kunsill Lokali Floriana, li nzammet **nhar il-Ħamis 3 ta' Lulju 2014 fis-2.00pm,** b'din l-agenda:

1. Approvazzjoni tal-Minuti
2. Punti imqajjma mill-minuti
3. Komunikazzjonijiet mis-Sindku
4. Mistoqsijiet lis-Sindku
5. Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati
6. Rapporti minn Uffiċjali tal-Kunsill
7. Approvazzjoni ta' Ħlas ta' Kontijiet Pendenti, Xiri u Materji Finanzjarji
8. Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet
9. Relazzjonijiet mal-Floriana Football Club
10. Fondi – Urban Improvement Fund (UIF)
11. Ħaddiem Klerikali
12. Bieb Storiku Fi Ġnien San Filippu
13. Ċelebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet L-Ewwel tas-Sena
14. Festival Nazzjonali tal-logħob tan-Nar ta' l-Art Mekkanizzat
15. Materji Relatati mal-Awtorita` tad-Djar
16. Skema ta` Parkeġġ Residenzjali
17. Pavimentar u Dwal ta' Ġnien il-Mall
18. Fondi mill-Unjoni Ewropeja
19. Parkeġġi
20. Isle of MTV
21. Aġġornament tal-Laqgħa

Għall-Erbgħa u Tletin (34) laqgħa tas-Sitt Kunsill kien hemm preżenti **is-Sindku Nigel Holland, il-Kunsillier Edward Torpiano, il-Kunsillier Vincent Borg u l-Kunsilliera Davina Sammut Hili flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv assistit mill-iskrivana E. Borg Bonaci.**
**Il-Viċi Sindku Matthew Paris attenda wara materja nru 2.2.**

**L-Ambaxxatur Lokali taż-Żgħażagħ Jean Zarb ma kienx preżenti.**

**Bidu tal-laqgħa:**
Il-laqgħa nfetħet permezz ta' talba żgħira mis-Sindku Nigel Holland.

## 1.0 Approvazzjoni tal-Minuti

1.1. Il-minuti tat-tlieta u tletin (33) laqgha tal-Kunsill gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha u ghaldaqstant gew unanimament ikkunsidrati bhala moqrija.

1.2 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano u ssekondata mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-minuti msemmija f'matera nru 1.1, bir-rizultat kien:

Favur: 2 (ET, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 2 (NH, VB)

1.3 Il-Kunsillier Vincent Borg u s-Sindku Nigel Holland iddikkjaraw li r-raguni ghalfejn kienu qed jastjenu mill-approvazzjoni tal-minuti kienet minhabba li ma kienux prezenti ghal-laqgha kollha jew parti minnha rispettivament.

1.4 Konsegwentament gew iffirmati l-minuti tal-laqgha tal-Kunsill mill-Vici Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 2.0 Punti imqajjma mill-minuti

2.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-materja nru 3.9.2 (33) u nforma li hu kien ikkonferma mas-Supretendent li l-ufficjal tal-Pulizija li jkun hemm fi Triq San Tumas kien ser jiehu hsieb jaqla' l-bollards hu.

2.2 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja nru 17.9 (33). Huwa qal li ma setax jifhem ghalfejn kienet regghet inqalghet din il-materja ladarba hu kien diga ta spjegazzjoni informali ta' x'kien gara fir-rigward tal-laqgha li nzammet mal-Ambaxxatrici tat-Turkija. Huwa zied jghid li ma jistax jifhem ghalfejn jibqghu jigu ripetuti dawn l-affarijiet ladarba l-laqgha kienet giet mitluba mill-Ambaxxatrici stess esklussivament mas-Sindku u ghalhekk ma jhossx li ghandu jiddetta lil kull min jitlob laqgha mieghu sabiex jistieden lill-membri kollha tal-Kunsill. Is-Sindku zied jaghmel riferenza wkoll ghal-laqgha li nzammet mal-President tal-Floriana F.C. fejn anke f'dal-kaz, kien il-President tal-Floriana F.C. stess li talab li jiltaqa' mas-Sindku.

**Nota: 14:18 Il-Vici Sindku Matthew Paris attenda ghal-laqgha.**

## 3.0 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

3.1 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li kien gie avvicinat minn kuntrattur li jispjecjalizza fit-tnehhija tac-chewing gum mill-pavimentar. Is-Sindku qal li l-unika post li jahseb li ghandu bzonn dan is-servizz kien taht il-logog izda din iz-zona ma kinietx taqa' taht il-Kunsill u ghalhekk talab li jinzammu d-dettalji tal-kuntrattur f'kaz li l-Kunsill jigi bzonnu iktar 'il quddiem.

3.2 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill li dik il-gimgha kienet harget statistika ufficjali dwar l-ammont ta' siringi li jittiehdu l-health centre u jidher li l-health centre tal-lokalita' kien wiehed mill-oghla.

3.2.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li fil-clean up day li saret ricentement kienu ngabru madwar mitejn siringa.

3.2.2 Is-Sindku Nigel Holland issuggerixxa li l-Kunsill jitkellem mal-awtoritajiet dwar din il-

materja kif ukoll mas-Segretarju Parlamentari ghas-Sahha.

3.3 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza wkoll ghal artiklu li kien hemm rigward il-Bord tal-Governanza li kien jirrigwarda d-dewmien ta' applikazzjonijiet ghal bye-laws u li fih issemmiet il-bye-law li kien issottometta l-Kunsill u li kienet ilha pendenti mis-sena 2010.

3.3.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa x'kien l-istat tal-applikazzjoni tal-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland wiegeb li l-istat kien dak ta' applikazzjoni pendenti.

3.3.2 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm bye-law ohra mill-Kunsill dwar il-garages fejn jigu kkunsidrati biss bhala garages dawk li jkunu gew irregistrati mal-Kunsill. Huwa qal li din il-procedura li kienet ilha li giet adottata mill-Kunsill kienet intoghgbot hafna tant li -Gvern precedenti ikkunsidra li issir ligi dwarha.

3.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien gie avvicinat minn reporter ta' gazzetta lokali li nformah b'diversi lmenti dwar il-lok li fiha twahhlet il-book box. Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-post kien intaghzel apposta biex ikun milhuq mis-CCTV camera kif ukoll biex ikun hemm il-bankijiet vicin li jistghu jintuzaw ghall-qari.

<u>**Nota: 14:25 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**</u>

3.4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili saqsiet jekk din hijiex qed tintuza biex jekk le, din titpogga f'genb halli ma tostakolax il-bankijiet.

3.4.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris issuggerixxa li l-kunsilliera jergghu imorru fuq il-post sabiex jikkunsidraw xi postijier alternattivi. Il-Kunsill qabel.

3.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq korrispondenza minghand l-iSkola Primarja fejn talbu permess sabiex tintuza l-lecture room tad-Dar tal-Kunsill ghall-lezzjonijiet taz-zumba. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni bil-kundizzjoni li tintuza l-lecture room kif ukoll li l-korsijiet isiru filghodu meta l-Kunsill ikun miftuh kif ukoll li jirriserva d-dritt li jbiddel il-pozizzjoni tieghu fi kwalunkwe hin.

3.6 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa lill-Kunsill li l-kuntrattur ta' Dimbros Ltd. kien ipprovda xi dokumenti relatati mal-vettura tas-servizz tal-Bulky Refuse. Is-Segretarju Ezekuttiv informa li l-kuntrattur kien prezenta dokumenti ghall-vetura gdida, u kien infurmat li ser jibda' jopera bil-vettura l-gdida mill-gimgha ta' wara.

<u>**Nota: 14:32 Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**</u>

3.7 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-bring in sites li hemm fi Triq Vincenzo Dimech u nforma li kien qed ikun hemm hafna hmieg madwarhom.

3.7.1 Is-Sindkiu Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill ghandux jikkunsidra li jirriloka dawn il-bring in sites minhabba li l-hmieg madwarhom qed ikerrah hafna z-zona.

3.7.2 Il-Vici Sindku ppropona li dawn jigu rilokati ftit 'l isfel mill-Inland Revenue Department.

3.7.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li jekk ser jigu rilokati il-Kunsill ghandu jipprova jsib post fejn ikunu accessibbli xorta mir-residenti.

3.7.4 Is-Sindku Nigel Holland saqsa jekk il-Kunsill ghandux figuri ta' kemm qed jintuzaw kif suppost il-bring in sites minhabba li jekk dawn qed jintuzaw biex jintremew fihom l-iskart komuni, allura l-Kunsill ghandu jikkunsidra li jnehhihom.

3.7.5 Is-Sindku ghalhekk ippropona li l-Kunsill jara sew l-uzu taghhom qabel jiehu decizjoni. Il-Kunsill qabel.

3.8 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-gbir ta' boroz bit-terrapin u saqsa jekk il-kuntrattur ta' gbir ta' skart goff kienx obbligat jigbor terrapin minn djar residenzjali. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li l-kuntrattur ma kienx obbligat jigbor it-terrapin mihabba li dan jigi klassifikat bhala skart ta kostruzzjoni. Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li l-Wasteserv jaccettaw dan l-iskart minghand residenti jew individwi izda mhux minghand kuntrattur.

3.9 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-materja precedenti u ghalhekk issuggerixxa li fil-kaz ta' freezer kummercjali li kienet tnizzlet ghall-bulky refuse, il-Kunsill ghandu jinforma lis-sid sabiex jew jiddisponi minnha hu stess jew inkella jhallas l-ammont li qed jintalab mill-Wasteserv sabiex ikun jista' jiddisponilu minnha l-Kunsill.

3.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien qed jircievi diversi ilmenti dwar l-istat ta' indafa fi Triq Vilhena. Huwa kompla billi qal li kien informa lil min hu responsabbli sabiex inehhi l-hmieg li thalla f'din it-triq u li nformah li dan kelli jitnehha sa l-ghada filghodu.

3.10.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghamlet riferenza ghall-kaz ricenti fejn irraportat ammont ta' xkejjer fi Pjazza Robert Samut u kien intbaghat il-gwardjan lokali. Hija qalet li kienet iddizappuntata mill-mod kif kien gie ttrattat dan l-ilment fejn il-gwardjani lokali qalu li ma kienu sabu xejn fuq il-post minkejja li meta marret hi ftit wara, l-istess xkejjer kienu ghadhom hemm.

3.10.2 Il-Kunsilliera Sammut Hili qalet li l-gwardjani lokali ghandhom iharrku lil kull min ihammeg immedjatament u mhux ituhom cans sal-ghada biex inehhu l-hmieg li jkunu hallew warajhom.

3.10.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili irrapurtat li l-gonna Centru Rikreattiv Re Gorg V u Sir Luigi Preziosi ghal zmien twil regaw ma kienux qed jinghalqu.

3.10.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien informat mir-residenti li Triq Vilhena kif ukoll iz-zona tal-Polverista ma kienu qed jitnaddfu qatt u qal li kien hemm bzonn li tingibed l-attenzjoni tal-kuntrattur ghal dawn in-nuqqasijiet.

3.10.5 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghad-decizjoni tal-Kunsill li jitlob lill-haddiema tal-kuntrattur tal-knis tat-toroq sabiex jiffirmaw rassenja kuljum. Huwa saqsa jekk din kinietx qed tiffunzjona u kemm-il haddiem qed jigi jiffirma. Is-Sindku qal li hu qed jesiegi li jkun hawn zewg haddiema zgur fil-lokalita' minhabba li wiehed wahdu zgur li ma kienx ser ilehhaq mal-lokalita' kollha.

3.10.6 Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien qed jigi jiffirma haddiem wiehed minhabba li l-kuntrattur qal li l-haddiem l-iehor jigi f'hin li l-Kunsill ma jkunx miftuh.

3.10.7 Is-Sindku Nigel Holland talab li l-Kunsill jistaqsi lill-kuntrattur ghall-hinijiet li qed jahdmu z-zewg haddiema. Il-Kunsill qabel.

3.10.8 Is-Sindku zied jghid li hu kien qed jinnota haddiem wiehed biss ta' kuljum u ghalhekk jekk jirrizulta li qed ikun hawn haddiem wiehed biss, allura hu kien ser jipproponi li l-Kunsill

jittermina l-kuntratt tat-tindif.

3.10.9 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien hemm bzonn kbir li tibda' tigi ccekkjata r-rotta tal-haddiema u qal li kien jezistu metodu tajjeb ta' kif wiehed jassigura li l-haddiema jkunu verament fuq il-post.

3.10.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi kienet taqbel ma' dan il-metodu li qed jigi propost.

3.10.11 Il-Kunsill qabel li ghalissa l-Kunsill ghandu jitlob lill-kuntrattur il-hinijiet li qed jahdmu l-haddiema.

3.11 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu kien qed jircievi diversi lmenti fuq il-mod ta' kif qed jinhasel taht il-logog. Il-Kunsill qabel li ghandu jikkuntattja lil min hu responsabbli u jigbdilhom l-attenzjoni dwar dan.

3.12 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li kien informat li Gnien Sir Luigi Preziosi kien qed jitnaddaf permezz ta' blower u dan kien qed ikun t'inkonvenjent ghal hafna. Is-Sindku wiegeb li l-Kunsill ghandu jiehu decizjoni dwar jekk ghandux ihalli l-kuntratturi tieghu jaghmlu uzu minn dan l-apparat.

3.12.1 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Edward Torpiano favur l-uzu tal-blowers, u ssekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (ET, MP)
Kontra: 3 (NH, DSH, VB)
Astensjonijiet: 0

3.12.2 Ghalhekk il-Kunsill qabel b'maggoranza li m'ghandux japprova l-uzu tal-blowers u li ghandu jinforma lill-kuntratturi tieghu dwar din id-decizjoni.

3.13 Is-Sindku Nigel Holland saqsa lill-Kunsillier Vincent Borg jekk jirrizultalux li kienu tqacctu xi sigar fil-KGV u li kienu thallew hemm. Il-Kunsillier Borg ikkonferma li dawn is-sigar kienu fil-fatt tqacctu izda ma kienx informat jekk dawn tnehhewx minn fuq il-post.

3.14 Is-Sindku Nigel Holland qal li rcieva ilmenti rigward il-parkegg riservat quddiem il-Chemimart fejn gie rraportat li dan mhux qed jintuza ghall-iskop proprju tieghu. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li diga kellu xi ilmenti minn gwardjan lokali dwar dan. Il-Kunsillier Vincent Borg issuggerixxa li l-Kunsill jaghmel tabella bil-hinijiet tal-ftuh tal-ispizerija. Il-Kunsill qabel bil-kundizzjoni li jekk jirrizulta li dan il-parkegg mhux qed jintuza mill-pazjenti allura dan il-parkegg jitnehha.

3.15 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-bieb tal-kantina ta' magenb id-Dar tal-Kunsill u qal li hemm bzonn li dan jitranga jew isir wiehed tal-hadid minhabba li ta' sikwit jigi sgassat. Is-Segretarju Ezekuttiv qal li jrid jivverifika mal-perit jekk dan ma setax isir tal-hadid minhabba l-d-disinn tal-faccata, Huwa zied jghid li ricentamnet il-bieb prezenti gie irrangat.

3.15.1 Is-Sindku ppropona li tigi rrangata l-kantina u li titnaddaf sew. Huwa kompla billi qal li l-Kunsill ma kellu l-ebda kundizzjoni li jipprovdi post ghall-karretti tal-kuntrattur tal-indafa.

3.15.2 Il-Kunsill qabel li ghandu jimpjega lil xi hadd sabiex inaddaf din il-kantina.

3.16 Is-Sindku Nigel Holland informa li kien hemm talba li ssir speed hump fi n-naha ta` fuq ta` Triq San Frangisk. Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ppproponiet li ssir laqgha mar-residenti tal-akwata rigward dan. Il-Kunsill ma qabilx li ghandha ssir speed hump.

**Nota: 15:12 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

3.17 Is-Sindku Nigel Holland talab lill-Vici Sindku sabiex ikellem lil min hu responsabbli dwar it-tabelli ta' direzzjoni lejn is-suq tal-Hadd. Il-Vici Sindku wiegeb li ghandu jiehu hsieb din il-materja.

3.18 Is-Sindku Nigel Holland ghamel riferenza ghall-korrispondenza minghand Regjun Xlokk dwar progetti li l-Kunsill jista' japplika ghall-fondi ghalihom fl-Unjoni Ewropea. Il-Kunsill qabel li l-progetti li ghandu jipproponi ghandhom ikunu dawn: il-Fosos (Pjazza San Publju), it-tarag bid-dawl fiz-zona maghrufa bhala taht il-Forka, il-bieb tal-arkata l-kbir tal-bandli, il-Polverista, il-Floriana miniature scale model u l-monument ta' Robert Samut u l-car park ta' tahtu. Il-Kunsillier Vince Borg issuggerixxa wkoll il-monument tal-Ferrovija

3.19 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba ghal attivita' li matulha ser jidhlu erbgha cruiseships u talbu li jinghalaq parti mis-sur. Il-Kunsill qabel li ghandu jitlob kontribuzzjoni ta' €1000 ghall-uzu tal-gonna li jaghtu ghal fuq il-Cruise Liner Terminal ghal matul din l-attivita`, bil-kundizzjonijet generali tal-Kunsill.

**Nota: 15:17 Il-Kunsillier Edward Torpiano rega' attenda ghal-laqgha.**

**15:18 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat minhabba kunflitt t'interess.**

3.20 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba minghand l-Akkademja ta' Justin Haber sabiex jitwahhlu banners tal-isponsors taghhom Abanderado fil-picc. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni.

3.20.1 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li kien mitlub mid-dirgenti tal-akkademja biex jinforma li r-raguni ghalfejn kienu zabru is-sigar kien minhabba li kienu nformati li kien ser ikollhom site inspection fi zmien jumejn u ghalhekk ma kellhomx cans jitolbu l-permess necessarju. Is-Sindku qal li l-Kunsill ghandu jzommhom responsabbli ghal kwalunkwe azzjoni li tista tittiehed minn entitajiet ohra.

3.20.2 Is-Sindku saqsa wkoll jekk il-ftehim tal-Kunsill mal-istess Akkademja kienx gie approvat mid-dipartiment. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li ma kien ircieva l-ebda risposta minghand id-DLG.

3.20.3 Is-Sindku ssuggerixxa li tohrog cirkolari dwar l-ischolarship offruta mill-istess Akkademja. Il-Kunsill qabel.

3.20.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jikteb lill-Akkademja ta' Justin Haber fejn jigi diskuss l-operat taghhom kollu li bih il-Kunsill jinsab insodisfatt. Il-Kunsill qabel.

**Nota: 15:24 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

## 4.0 Mistoqsijiet lis-Sindku

4.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal-konkos li nghata fit-triq quddiem l-Ambaxxata tat-Turkija u saqsa jekk kienx sar xi ftehim mal-Kunsill. Is-Sindku wiegeb li ma kien sar l-ebda ftehim

u li dan ixoghol kien sar moghti mill-Ambaxxata stess minghajr ma ntalab permess mill-Kunsill. Is-Sindku Nigel Holland qal li li kieku kien informat, kien jipproponi li x-xoghol isir mill-Kunsill. Is-Sindku saqsa jekk kienx hemm xi problema mill-mod kif sar ix-xoghol. Il-Kunsillier Borg wiegeb li ma kienx jidher li hemm problemi.

4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-parking ta' quddiem l-istess ambaxxata u saqsa ghalfejn il-parkegg riservat kien qed jithalla vojt u ghalfejn il-vetturi kienu qed jipparkjaw fiz-zona residenzjali. Is-Sindku Nigel Holland qal li huwa kien diga vverifika u jirrizulta li l-vetturi msemmija m'humiex ezentati mir-regoli tat-traffiku u ghalhekk jekk dawn qed jiksru r-regoli, dawn il-vetturi ghandhom jitharrku mill-gwardjani lokali bhal vetturi ohra.

4.3 Il-Vici Sindku Matthew Paris saqsa jekk kienux ser isiru l-laqghat mal-ministeri kkoncernati dwar il-fanali ornamentali ta' fuq il-Fosos kif ukoll dwar il-kwistjoni ta' Gnien il-Mall. Is-Sindku wiegeb li hu jhoss li ghandha ssir il-laqgha mal-ministeru sabiex tissolva l-problema tal-Fosos. Fil-kaz ta' Gnien il-Mall, is-Sindku nforma li dik il-materja kienet fuq l-agenda u ghalhekk ghandha tigi diskussa f'waqtha.

4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghall-kuntratt tal-funtani u saqsa lis-Sindku jekk kienx hemm xi raguni ghalfejn il-funtani kienu qed ikunu mbattlin. Is-Sindku irrimarka li bhala l-Kunsillier responsabbli minn din il-materja kellu jkun hu stess li jforni t-twegiba. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li hu ma kienx informat b'xi raguni hlief li jumejn qabel, gi infurmat l-pompa ta' wahda mill-funtani ma kinitx qed tahdem. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kien qed diga ha hsieb dan ir-rapport. Il-Kunsillier Vincent Borg qal li z-zewg funtani kienu vojta u mhux dik li kellha l-pompa bil-hsara biss.

4.4.1 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li nnotat li l-gnien kien qed ikun maghluq sas-7am u ghalhekk ma kienx qed jinfetah kif stipulat fil-kuntratt.

4.4.2 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li nnota li l-gnien gieli ma kienx qed jinghalaq fil-hin u li kien qed idum ma jinghalaq iktar milli suppost.

4.4.3 In vizta tal-ilmenti mressqa, il-Kunsill qabel li l-pagament nru 33 dovut lill-kuntrattur KDF Ltd. ghandu jinzamm sakemm il-Kunsill jinghata raguni ghall-ilmenti t'hawn fuq.

4.4.4 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jhossx li ghandu jkun hu li joqghod jigri wara l-kuntrattur u jippretendi li jekk ikun hemm problema ghandu jkun il-kuntrattur li jinforma li hemm problema u mhux jistenna sakemm jinduna l-kunsillier responsabbli.

4.4.5 Il-Kunsillier Borg qal li hu kien diga ressaq mozzjoni biex dan il-kuntratt jigi tterminat ladarba ma kienx qed jinghata s-servizz mistenni.

4.4.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu lest li jissekonda lill-Kunsillier Borg f'din il-mozzjoni bil-kundizzjoni li jigu tterminati l-kuntratti kollha li mhux sodisfacenti minhabba li hu jhoss li l-kuntratturi kollha kienu qed jonqsu fi dmirijithom.

4.4.7 Is-Segretarju Ezekuttiv gibed l-attenzjoni li tali mozzjoni ma setghetx titressaq f'din il-laqgha ladarba ma kienx hemm materja li tikkoncernaha f'din l-agenda u ghalhekk irramarka li huwa il-kaz, li l-Kunsill iressaq din il-materja fl-agenda tal-laqgha li jmiss.

4.5 Il-Kunsillier Vincent Borg ghamel riferenza ghal incident fejn individwu inqabad jipporga fil-pixxatur tal-bandli u saqsa jekk kienx hemm xi progress dwar dan il-kaz. Is-Segretarju Ezekuttiv wiegeb li kein gie moghddi rapport lil pulizija, izda ma kien ircieva l-ebda risposta dwar dan sa dakinhar.

**Nota: 15:37 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 5.0 Rapporti u Minuti tal-Kumitati / Sottokumitati

5.1 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq ghall-approvazzjoni tal-Kunsill il-minuti tas-sottokumitat tal-ordni pubblika, harsien tac-citaddin u relazzjonijiet mal-Pulizija.fejn semma xi punti li kienu qamu matul din il-laqgha.

**Nota: 15:40 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili talbet li tkun skuzata.**

## 6.0 Rapporti minn Ufficjali tal-Kunsill

6.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah il-materja billi nforma li l-Kunsill kien gie nformat mill-Enemalta dwar procedura gdida li ser jibdew jadottaw li tikkoncerna l-gabbani. Huwa spjega kif l-gabbani li jiehdu d-dawl mill-Enemalta jrid ikollhom "earth"– din tista' ssir permezz ta' Earth Electrode mill-Kunsill jew inkella mill-gabbani innifishom.

**Nota: 15:42 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili regghet attendiet ghal-laqgha.**
**Is-Sindku Nigel Holland rega' attenda ghal-laqgha.**

6.2 Is-Segretarju Ezekuttiv zied jghid li kien hemm diversi zoni fejn jarmaw il-gabbani fil-lokalita' u ghalhekk riedu jsiru diversi electrodes madwar il-lokalita'. Is-Segretarju zied jghid li din kienet ser tammonta ghal spiza konsiderevoli kif ukoll li ser ikun hemm riskju ta' serq ta' dawn l-electrodes ladarba dawn ser ikunu fit-triq.

6.3 Is-Segretarju Ezekuttiv qal li l-Kunsill seta' jikkunsidra wkoll li japplika ghal bye-law fejn ikun intitolat jitlob ammont lil kull min juza dawn l-electrodes bhala kontribuzzjoni ghal din l-ispiza jekk tigi assorbita mill-Kunsill.

6.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu jhoss li din il-materja ghandha titqajjen waqt laqgha tar-Regjun ladarba din il-procedura ser taffetwa lill-kunsilli lokali kollha li ghandhom xi gabbani li jarmaw fil-lokalita' u anke minhabba l-fatt li din ser tigi tammonta ghal spiza konsiderevoli lil kull kunsill lokali.

6.5 Il-Kunsill qabel mal-proposta mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris u qabel li din il-materja ghandha titqajjem waqt laqgha tar-regjun.

6.6 Is-Segretarju Ezekuttiv ressaq ukoll suggeriment sabiex il-Kunsill jintitola lill-haddiema tal-ETC ghal numru ta sieghat ezmpju ghoxrin siegha "off duty" li jista' jintuza ghall-emergenzi. Huwa qal li ghalkemm dawn m'humiex intitolati ghal-leave per se, hu jhoss li l-Kunsill ghandu jikkunsidra li kull individwu tista' tinqalalu emergenza. Il-Kunsill qabel mal-proposta b'mod unanimu, sakemm mhuwiex kontra l-ligi.

## 7.0 Approvazzjoni ta' Hlas ta' Kontijiet Pendenti u Materji Finanzjarji

7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv ipprezenta l-iskedi ta' pagamenti bir-referenza 93-05, li gew iccirkolati minn qabel ma' l-avviz tal-laqgha.

7.2 Il-Vici Sindku Matthew Paris informa li hu kien ser jastjeni mill-pagamenti kollha dovuti lill-Jobbers.

7.3 Il-Kunsillier Vincent Borg ressaq mozzjoni sabiex il-pagament Cheque Nru 12097 jinzamm sakemm il-Kunsill jivverifika x-xoghol li jikkoncerna l-funtana, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, ET, NH, DSH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

7.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg u ssekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano, ittiehed vot favur l-approvazzjoni tal-hlasijiet ta' kontijiet pendenti indikati bhala cekk nru 12065 sa 12096, u 12097 bil-kundizzjoni imnizzla iktar il-fuq, bir-rizultat:

Favur: 5 (VB, ET, DSH, NH, MP)
Kontra : 0
Astensjonijiet: 0

7.5 Ghaldaqstant, l-iskeda ta' pagamenti sabiex jigu approvati l-hlasijiet għaddiet u giet iffirmata mis-Sindku, minn zewg kunsillieri u mis-Segretarju Ezekuttiv.

## 8.0 Mozzjonijiet / Rakkomandazzjonijiet

8.1 34/1 - Wara li gejt avvicinata minn diversi residenti fi Triq il-Fosos hassejt li nressaq din il-mozzjoni sabiex tinbarrax it triq u l-bankina tal-imsemijja triq. Kemm il bankina kif ukoll it-triq tizloq hafna u b'hekk nkunu nistaw nevitaw xi incident.

Proponent: Davina Sammut Hili
Data: 9 ta' Gunju 2014

8.2 Wara xi rimarki li ghaddha il-Kunsill, il-Kunsilliera Davina Sammut Hili pproponiet korrezjoni fil mozzjoni, fejn tigi eskluza il-bankina, sakemm jigi ivverifikat jekk din tistax tinbarax.

Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili kif propost f'materja nru 8.2, u ssekondata mill-Kunsillier Vincent Borg, ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 5 (DSH, VB, ET, NH, MP)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 9.0 Relazzjonijiet mal-Floriana Football Club

9.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li ricentement kien hemm laqgha generali tal-Floriana F.C. li matulha kienet giet ipprezentata mozzjoni fis-sens li nies li jikkontestaw ghall-Floriana F.C. u li qeghdin f'xi kumitat jew kunsill, ghandhom jigbdu l-habel tal-Floriana F.C.

9.2 Il-Kunsillier Edward Torpinao qal li l-mozzjoni li tressqet tghid li jekk xi hadd mil-membri jivvota kontra l-interess tal-Floriana F.C. ghandu jitkecca mill-istess klabb. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill jew jibghatilhom ittra bil-miktub jew isejjah konferenza stampa.

9.3 Is-Sindku Nigel Holland qal li hu jinsab iddizappuntat dwar din il-mozzjoni minhabba li jekk din kienet immirata lejn persuna partikolari, din affetwat lil diversi. Aktar minn hekk, inghatat l-impressjoni li kunsillieri tal-Kunsill Lokali floriana mhumiex denji li jservu fil-kumitat tal-Floriana F.C. ghax mhumiex kapaci li jfittxu dejjem l-interessi tal-club. Huwa ssuggerixxa li l-Kunsill ghandu jikteb ittra lill-klabb fejn ifakkar lill-kumitat kollu dwar l-ghajnuniet li l-Kunsill Lokali Floriana ta matul dawn iz-zmenijiet.

9.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jibghat ittra lill-President tal-Floriana F.C. fejn jinforma li l-Kunsill ma jippretendiex li jsiru tali mozzonijiet in vista tal-eluf ta' ewro li intefqu mill-Kunsill Lokali Floriana f'attivitajiet li saru konguntament mall-Floriana F.C. matul il-legislaturi kollha tal-kunsill.

9.5 Is-Sindku Nigel Holland informa lill-Kunsill bit-talba tal-Floriana F.C. sabiex jaghmlu uzu mill-picc sa Mejju 2015. Il-Kunsill qabel li ghandu jikri l-picc iz-zghir xahar b'xahar minghajr hlas u minghajr l-ebda obbligu.

## 10.0 Fondi – Urban Improvement Fund (UIF)

**Nota:** **16:15 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li l-laqgha tigi sospiza. Il-Kunsill qabel.**

**Nota 2:** **16:51 Il-laqgha kompliet.**
**Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

10.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien qajjem din il-materja f'laqgha tas-Sindki minhabba li l-lokalita' ma kinitx qed tibbenefika minn dawn il-fondi.

10.2 Is-Sindku kompla billi qal li jixtieq li l-Kunsill jerga' jqajjem dan il-punt mal-awtoritajiet. Huwa talab li l-Kunsill jitlob li jigu identifikati x'inhuma ezatt il-kriterji ta' dan il-fond. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

**Nota: 16:54 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

## 11.0 Haddiem Klerikali

11.1 Is-Segretarju Ezekuttiv fetah id-diskussjoni billi qal li kienu saru l-intervisti (fejn attendew wkoll: il-kunsillieri Vince Borg u xi drabi Edward Torpiano) sabiex jigu shortlisted l-ahjar kandidati. Huwa qal li dawn ammontaw ghal-hamsu. Dawn il-kandidati kienu regghu gew imsejjha sabiex jaghmlu test zghir fuq il-kompjuter, fejn wahda mill-kandidati m'attenditx. Hu pprezenta r-rizultati ta' kull kandidat.

11.2 Is-Segretarju Ezekuttiv kien mitlub jissuggerixxi l-opinjoni tieghu fejn hu ppropona lis-Sinjorina Patricia Borg bhala l-ahjar kandidata peress li kienet l-iktar kandidata li marret tajjeb fl-intervisti, uriet inizjattiva u li marret l-ahjar fit-test.

11.3 Il-Kunsill qabel li mill-evalwazzjoni li ghamel huwa, irrizulta li s-Sinjura Borg kienet l-ahjar kandidata.

11.4 Wara mozzjoni mressqa mill-Kunsillier Vincent Borg favur l-ghazla tas-Sinj. Patricia Borg u li f'kaz li tirrifjuta tintaghzel is-Sinjura Angela Mallia u f'kaz li tirrifjuta din ukoll, is-Sinjura Marisa Farrugia rispettivament, issekondat mill-Vici Sindku Matthew Paris, bir-rizultat kien:

Favur: 5 (VB, MP, ET, NH, DSH)
Kontra: 0
Astensjonijiet: 0

## 12.0 Bieb Storiku Fi Gnien San Filippu

12.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li kien gie avvicinat minn James Hampten li kien jinteressa ruhu hafna fl-istorja militari tal-Inglizi f'Malta. Huwa qal li s-Sur Hampten informah li l-bieb fi Gnien San Filippu kien l-unikiu bieb tat-tip tieghu li ghad fadal f'Malta.

12.2 Is-Sindku qal li jixtieq jipproponi li dan il-bieb jitranga sabiex in-nies ikunu jistghu jaraw kif jahdem.

12.3 Is-Sindku qal li jixtieq li dan il-bieb ikun jista' jintwera f' Genna ta' Gonna...u hafna aktar!

**Nota: 17:05 Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

12.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm suggerimenti biex l-attivita' ta' Genna ta' Gonna tintrabat ma' dik tan-Notte Bianca.

12.5 Il-Kunsill qabel fil-principju li ghandha ssir fl-istess gurnata u bhala parti min-Notte Bianca bil-kundizzjoni li z-zewg attivitajiet jittellghu flimkien u mhux b'mod separat.

**Nota: 17:10 Il-Kunsill qabel li ghandu jestendi l-laqgha b'siegha.**
**Il-Kunsillier Edward Torpiano talab li jkun skuzat.**

## 13.0 Celebrazzjoni Nazzjonali ta Lejlet L-Ewwel tas-Sena

13.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li z-zmien kien qed igerbeb u ghalhekk kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jiehu decizjoni dwar jekk ghandux jerga' jtella' edizzjoni ohra tac-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewel tas-Sena.

13.2 Huwa qal li s-sena l-ohra, din l-attivita' giet tiswa lill-Kunsill €5000 li m'hijiex somma kbira meta tikkunsidra l-kontenut kollu li kien hemm.

13.3 Is-Sindku kompla billi qal li jekk din l-attivita' terga' ssir, ser jissuggerixxi li l-palk isir fil-qalba ta' Triq Sant'Anna, specifikament fi Triq il-Miratur ihares 'l isfel u li t-triq int u hiereeg mill-Floriana tibqa' miftuha l-gurnata kollha u ma jkolliex ghalfejn tinghalaq hlief malli tibda l-attivita'

13.4 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk ikun hemm approvazzjoni, hu kien ser iressaq il-proposta quddiem il-V18 sabiex il-Kunsill ikun jista' jinghata ghajnuna finanzjarja.

13.5 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li hu ma jhossx li din l-attivita' ghandha tibqa' ssir u dan minhabba li din l-attivita' ma tista' qatt tikkompetti ma' attivita' bhalha li tittella' fil-kapitali. Huwa qal li jippreferi li juza l-istess fondi sabiex jinvesti f'attivita' gdida u differenti bhal per ezempju l-

organizzazzjoni ta' Christmas Village taht il-logog li xorta wahda ser tghin lill-komunita' kummercjali Furjaniza.

13.6 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx li ghandu jittella' Christmas Village u dan minhabba li jkun hemm diversi attivitajiet simili madwar Malta fl-istess perjodu.

13.7 Il-Vici Sindku wiegeb u ssuggerixxa li l-Kunsill johrog sejha ghall-offerti u jara jekk ikunx hemm interess minn xi kuntrattur li jixtieq jorganizza din l-attivita'. Huwa qal li tali proposta mhu ha tiswa' xejn lill-Kunsill hlief l-ispejjez amministrattivi sabiex tinhareg is-sejha.

13.8 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu zgur li ma jaqbilx li tega' tittella' c-Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejlet l-Ewel tas-Sena ladarba din mhux qed tkun ta' success. Huwa qal li jippreferi li tali spiza tmur lejn xogholijiet fit-toroq jew l-irrangar ta' bankini minhabba li qed ikun hemm diversi ilmenti.

13.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li jekk il-Kunsill jirraguna b'dak il-mod allura jispicca ma jaghmel xejn. Fl-allokazzjoni tal-Kunsill dejjem ikun hemm somma allokata ghall-organizzazzjoni ta' attivitajiet u wiehed ghandu juza dawn l-allokazzjonijiet ghall-materji rispettivi. Anke il-Gvern Centrali jalloka fondi f'dan l-aspett.

13.10 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li hi thoss li jkun ahjar jekk il-Kunsill juza l-fondi li jistghu jigu ffrankati biex ikun jista' jhallas lill-kuntratturi ladarba l-Kunsill qed ikollu hafna pagamenti pendenti. Hija qalet li hemm kuntratturi li ilhom hafna ma jithallsu u li dalwaqt mhux ser ikunu lesti jkomplu jaghtu s-servizz taghhom.

13.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li l-Kunsill qieghed hemm primarjament ghall-gid tar-residenti u mhux biex iservi ta' organizzatur ghall-attivitajiet specjalment ladarba l-finanzi ma jippermettux.

13.12 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' sostna li jekk il-Kunsill japprova s-sejha ghall-Christmas Village, din mhux ser iggorr maghha spiza minhabba li l-ispiza ser tkun assorbita mill-offerent u mhux mill-Kunsill. Huwa qal li l-unika spejjez li ser jassorbi l-Kunsill jinkludu biss is-sejha ghall-interess, spejjez amministrattivi u r-riklam fuq il-gazzetta tal-Gvern.

13.13 Is-Sindku Nigel Holland ressaq kontro mozzjoni peress li l-attivita' Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena bl-isforzi li ghamel il-Kunsill in-nefqa taghha giet ridotta sostanzjalment, ghal anqas minn dak li swiet fl-ewwel edizzjoni taghha, u mhux qed tinpingi daqstant fuq il-finanzi tal-Kunsill Lokali Floriana, il-Kunsill Lokali jerga' jiddeciedi li jorganizza din l-attivita' li kien holoqha hu ghal tmiem din is-sena, issekondat mill-Kunsillier Edward Torpiano. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 2 (NH, ET)
Kontra: 3 (MP, VB, DSH)
Astensjonijiet: 0

13.14 Il-Vici Sindku ressaq mozzjoni sabiex il-Kunsill ma jergax itella' l-attivita' Celebrazzjoni Nazzjonali ta' Lejliet l-Ewwel tas-Sena minhabba problemi finanzjarji u anke minhabba li l-attivita' mhux qed tkun ta' success, izda in alternattiva, il-Kunsill johrog sejha ghall-interess sabiex isir Christmas Village fil-perjodu ta' Dicembru fiz-zona ta' toht il-logog jew f'post alternattiv, issekondat mill-Kunsillier Vincent Borg. Ittiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, VB, DSH)
Kontra: 2 (NH, ET)
Astensjonijiet: 0

**Nota: 17:30 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

## 14.0 Festival Nazzjonali tal-loghob tan-Nar ta' l-Art Mekkanizzat

14.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi qal li ghal darb'ohra il-festival rega' kien success.

14.2 Huwa qal li l-problema tibqa' dik ta' dejjem u cioe' dik ta' finanzi. Il-Vici Sindku ssuggerixxa li parti mill-Fosos tibda' tinghalaq u tinghata b'mod esklussiv lil xi tour operator bi hlas.

14.3 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu jahseb li din is-sena, kien hemm inqas nies mis-snin precedenti.

**Nota: 17:33 Is-Sindku Nigel Holland talab li jkun skuzat.**

14.4 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li kien hemm diversi fatturi li setghu ikkontribwixxew ghan-nuqqas t'attendenza fosthom li kien imsemmi l-maltemp u anke minhabba li kien hemm xi attivitajiet ohra madwar Malta fl-istess gurnata. Il-Vici Sindku qal li minkejja dan, xorta l-attendenza kienet wahda sostanzjali u kollox kien jidher li mar tajjeb.

14.5 Is-Sindku Nigel Holland qal li matul il-laqgha tal-kumitat organizzattiv ghal din l-attivita', kien gie diskuss il-problema li sab l-organizzatur dwar il-kwistjoni li kienet inqalghet din is-sena.

14.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li wara li kien tkellem mal-organizzatur, hu ma jhossx li l-Kunsill ghandu jassumi l-irwol tal-bord tal-gurija ta' dan il-festival ladarba kien qed jinhatar bord tal-gurija apposta.

**Nota: 17:35 Il-Vici Sindku Matthew Paris talab li jkun skuzat.**

14.7 Is-Sindku Nigel Holland qal li kien hemm punt validu li qam u ghalhekk qed jissuggerixxi li r-rizultat jibda' johrog it-Tnejn minflok il-Hadd dan sabiex ikun hemm bizzejjed cans sabiex jinghata lok ghal appelli jew sottomissjonijiet. Il-Kunsill qabel mal-proposta.

## 15.0 Materji Relatati mal-Awtorita` tad-Djar

15.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li l-Kunsill jista' jkollu zblokk rigward din il-materja u nforma li kien qed jistenna li fil-jiem li gejjin, jikkonkretizza ruhu dak li l-Kunsill kien ippropona fir-rigward tal-progetti ta Rigenerqazzjoni tal-postijiet miftuha li kellhom ikunu iffinanzjati minn skemi tal-Awtorita` tad-Djar, jigifieri dak hdejn Binja Vilhena u Binja Preziosi.

15.2 Il-Kunsillier Vincent Borg fakkar fit-talba li kellu jaghmel il-Kunsill dwar il-pjanti tal-bjar hdejn il-Housing Estate.

**Nota: 17:40 Il-Vici Sindku Matthew Paris rega' attenda ghal-laqgha.**

15.3 Is-Sindku Nigel Holland fakkar fil-laqgha li ghandha tintalab mal-Ministru Michael

Farrugia dwar id-differenza li l-Kunsill ghandu jiehu ghax-xoghol t'asfaltar li sar fejn il-binja gdida tal-gvern fi Triq l-Iljun / Triq l-Argotti.

## 16.0 Skema ta` Parkegg Residenzjali

16.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah id-diskussjoni billi qal li kien gie avvicinat minn resident li lmenta dwr il-fatt li hu ma kienx intitolat ghall-permess specjali ghan-negozju tieghu minhabba li hu kien resident fil-lokalita'.

16.2 Il-Vici Sindku qal li din il-ligi hija diskriminatorja lejn dan l-individwu minhabba li ladarba hu huwa resident fil-Floriana, ma jistax jitrasferixxi l-permess lil xi wiehed mill-impjegati tan-negozju tieghu.

16.3 Ghalhekk huwa qed jitlob li l-Kunsill jikkunsidra li jemenda r-regoli tal-iskema ta' parkegg residenzjali sabiex resident li jkun sid ta' hanut fil-lokalita' ikun intitolat xorta wahda ghall-permess li jista' jitrasferixxi fuq wiehed mill-impjegati tieghu.

16.4 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili qalet li qed issir diskriminazzjoni wkoll ma' residenti li ghalkemm ghandhom l-ulied, ghad m'ghandhomx sittin sena u ghalhekk uliedhom ma jkunux intitolati ghall-permess.

16.5 Is-Sindkiu Nigel Holland qal li kazijiet eccezzjonali, jistghu jissottomettu applikazzjoni mal-Bord tal-Verifika sabiex jinghataw permess jekk verament ikollhom bzonnu.

16.6 Is-Sindku Nigel Holland qal li huwa facli mmens taghti permess lil kull min jitlob wiehed izda dan iwassal biex titkisser l-iskema ta' parkegg residenzjali kollha.

16.7 Il-Kunsillier Vincent Borg qal li hu ma jaqbilx mal-proposta tal-Vici Sindku minhabba li hu jhoss li ladarba l-persuna diga qed tinghata permess ta' resident, m'ghandux ikun intitolat ghat-tieni permess. Huwa qal li l-persuna li tkun qed tigi diskriminata f'dal-kaz ikun is-sid ta' hanut li ma jkunx joqghod fil-lokalita'. Huwa qal li ladarba wiehed ikun diga qed jibbenefika mill-iskema, m'ghandux jinghata permess iehor.

16.8 Il-Vici Sindku Matthew Paris qal li l-Kunsill qed jiddiskrimina bejn persuna li qed topera l-hanut bhala persuna u bejn hanut li qed jopera bhala kumpanija.

16.9 Is-Sindku Nigel Holland qal li wiehed m'ghandux joqghod jipprova jsib loophole fir-regoli ta' din l-iskema izda l-Kunsill ghandu jahdem sabiex kemm jista' jkun inaqqas l-abbuzi. Huwa qal li jhoss li bil-proposta mressqa mill-Vici Sindku Matthew Paris, is-sid ta` hanut li huwa resident ikun qed jinqeda bis-sitwazzjoni sabiex tkun tista' tibbenefika persuna ohra li ma hijiex residenti fil-Floriana.

16.10 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq mozzjoni li stante l-fatt li qed tinholoq sitwazzjoni ta' diskriminazzjoni fil-konfront ta' residenti fil-lokalita' illi jiggestixxu hwienet bhala sole trader u mhux bhala kumpaniji fl-istess lokalita', hu qed jipproponi li l-iskema ta' parkegg residenzjali tigi emendata sabiex l-istess resident li qed jiggestixxi hanut fil-Floriana jkun jista' jassenja d-dritt tieghu lil terzi bil-kundizzjoni li dan ikun impjegat u li jgib prova tal-impjieg. Ma kienx hemm sekondant ghal din il-mozzjoni.

16.11 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ressqet mozzjoni sabiex il-Kunsill jemenda l-iskema ta' parkegg residenzjali b'tali mod li residenti li ghad m'ghalqux is-sittin sena, ikunu intitolati ghal permess wiehed li jinghata lil xi hadd minn uliedhom, issekondata mill-Kunsillier Vincent Borg.

16.12 Is-Sindku Nigel Holland qal li b'dan il-mod il-Kunsill ikun qed jiddiskrimina bejn residenti li

ghandhom wild wiehed u ohrajn li ghandhom iktar.

16.13 Il-Vici Sindku Matthew Paris ressaq kontro mozzjoni illi filwaqt li ma jaqbilx li l-mozzjoni mressqa mill-Kunsilliera Davina Sammut Hili ghandha tigi attwata f'kull kaz, jirrikonoxxi li jista' jkun hemm sitwazzjonijiet li jkunu ggustifikati. Ghaldaqstant qed jipproponi li ssir komunika mal-Bord tal-Verifika u mal-Bord tal-Appelli sabiex jiehdu in konsiderazzjoni kazijiet umanitarji fejn jigi pprovat illi n-necessita' li jinhareg permess lil resident taht is-sittin sena, tigi attwata. Din il-kontro mozzjoni giet issekondata mill-Kunsillier Edward Torpiano u ttiehed vot bir-rizultat kien:

Favur: 3 (MP, ET, NH)
Kontra: 2 (DSH, VB)
Astensjonijiet: 0

16.14 Ghalhekk il-kontro mozzjoni giet approvata.

## 17.0 Pavimentar u Dwal ta' Gnien il-Mall

17.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah il-materja billi qal li s-sitwazzjoni ta' Gnien il-Mall issa qed tiggrava u kien wasal iz-zmien li l-Kunsill jaghmel xi haga.

17.2 Huwa kompla billi qal li ma jippretendiex li kumpanija li hija biss kuntrattur tal-Gvern centrali ghandha tiddetta lill-istess Gvern Centrali dak li ghandu jew m'ghandux isir.

17.3 Ghalhekk is-Sindku Nigel Holland ippropona li l-Kunsill isejjah konferenza stampa dwar din is-sitwazzjoni li issa ilha tippersisti sentejn. Il-Kunsill qabel b'mod unanimu.

## 18.0 Fondi mill-Unjoni Ewropeja

18.1 Il-Vici Sindku Matthew Paris fetah il-materja billi ppropona li kull kunsillier ghandu jinghata cans sal-ahhar tal-gimgha sabiex jipproponi xi progett li jixtieq li l-Kunsill japplika ghall-fondi ghalih u mieghu jipprepara test qasir sabiex ikun jista' jitressaq quddiem il-Kunsill ghall-approvazzjoni.

18.2 Is-Sindku Nigel Holland ressaq proposta sabiex il-Kunsill jaqbel li juza s-servizzi tas-Sur Alfred Triganza izda ghalissa minghajr l-ebda ftehim finanzjarju.

## 19.0 Parkeggi

19.1 Il-Kunsill qabel li din il-materja ghandha titpogga fuq l-agenda tal-laqgha li jmiss.

## 20.0 Isle of MTV

20.1 Is-Sindku Nigel Holland fetah id-diskussjoni billi qal li hu kien diga tkellem mas-Sinj. Carina Dimech fejn kien informaha li ma kienx hemm l-ammont ta' mobile toilets li kien talab il-Kunsill u ghalhekk kien ser jipproponi li jigu mmultati ghal dan in-nuqqas. Il-Kunsill qabel.

20.2 Is-Sindku Nigel Holland kompla billi qal li s-servizz moghti mill-Pulizija kien wiehed impekkabli u xtaq li jirringrazzjahom formalment u bil-miktub tas-servizz taghhom.

20.3 Il-Kunsilliera Davina Sammut Hili ssuggeriet li r-ringrazzjament lill-entitajiet ikun wiehed

pubbliku u li jsir fil-media lokali bhalma gieli saru l-ilmenti.

20.4 Il-Kunsill qabel li ghandu jkompli jiddiskuti din il-materja fil-laqgha li jmiss ladarba ma kienx ghad fadal bizzejjed hin.

## 21.0 Aġġornament tal-laqgħa

21.1 Il-Kunsill qabel li l-laqgha li jmiss ghandha ssir nhar it-Tnejn 4 t'Awwissu 2014 fis-2.00pm.

Il-laqgha ntemmet fis-18.15.

Nigel Holland
Sindku

Svetlick J. Flores
Segretarju Ezekuttiv